ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 52/10**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: Il-Ħamis, l-1 ta' Lulju 2010**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Kunsillier is-Sur Harry Debono kien skużat (ittra tal-Kunsillier Debono mehmuża mal-minuti bħala Dok. B).

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 51/10</u>

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 51/10 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvata u ffirmata.

## 3. <u>PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI 51/10</u>

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għal fondi speċjali għal lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu ġiet aċċettata u li ser jingħata s-somma ta' €40,000 bħala fondi addizzjonali għal Marsalforn.

Il-Kunsill qabel li:

- b' effett immedjat l-iskart domestiku bieb bieb minn ġewwa Marsalforn jibda jinġabar darbtejn kuljum u l-i*skips on wheels* jitbattlu darbtejn kuljum ukoll (mit-Tnejn sas Sibt).
- ssir sejħa għall-offerti għal provvista ta' *litterbins* tal-*cast iron* bl-istemma tal-Kunsill.

Kien hawn meta l-Kunsillier Refalo staqsa xi dritt għandhom il-Kunsilliera u l-membri tal-Kumitat jagħtu ordnijiet ta' xogħol lill-ħaddiema?
Is-Sindku wieġeb kulħadd jaf x' inhuma d-drittijiet tiegħu.

Komunikat tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali bi tweġiba għall-ittra tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn.

Ittra tal-Kunsillier Camilleri dwar is-sett ta' avviżi tal-Kunsill nru. 9/10 b' referenza għall-ħarġa tat-tfal fuq il-*bumping cars* u ritratt li ġie pubblikat f' dan is-sett ta' avviżi.

Ittra mibgħuta minn Dynamic Promotions dwar festival ta' mużika li ser isir nhar il-21 ta' Awwissu 2010 fil-limiti ta' Marsalforn.

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment tal-Customer Services fil-Ministeru għal Għawdex dwar laqgħa ta' informazzjoni fil-lokalita` fuq is-servizz tal-*fostering*.

Komunikat ta' Renzo Curmi dwar ir-rampa li tagħti għal fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Marsalforn.
Il-Kunsill approva l-manutenzjoni ta' din ir-rampa bil-ħaddiema tal-IPSL.

Ittra mibgħuta minn Geoffrey Platts u Monique Zammit dwar it-triq quddiem Lighthouse Court fi Triq l-Oniċi.

Il-Kunsill approva :

- t-trasferiment tat-tabella T – Junction fil-bidu ta' Triq l-Oniċi minn naħa ta' Triq il-Madonna taċ-Ċiċri.
- t-twaħħil ta' żewġ tabelli dwar il-ġbir tal-ħmieġ tal-klieb.

**Applikazzjonijiet għal permess tal-Kunsill Lokali**

| | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Leġjun ta’ Marija<br>Għal Manifestazzjoni Marjana<br>nhar id-29 ta’ Lulju 2010<br>fi Triq il-Wied. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet – nitolbu lill-operatur tal-*bumping cars* biex f’ dik il-ġurnata jarma wara d-9.30pm. |
| Anthony Camilleri – Ta’ Pennellu Rest.<br>Għal *fish festival* kull nhar ta’ Ġimgħa,<br>mid-9 ta’ Lulju sas-27 ta’ Awwissu 2010<br>fi Triq il-Port, fuq il-bankina ta’ taħt il-*promenade*. | Rifjutata – mhux divertiment. |
| Komunitajiet Neokatekumenati<br>Għal tlett ijiem ta’ evanġeliżazzjoni<br>mill-10 sat-12 ta’ Awwissu 2010 f’ Marsalforn. | Approvata. |
| Fr Effie Masini – Oratorju Don Bosco<br>Biex itella’ varjeta` tat-tfal<br>nhar it-2 ta’ Settembru 2010<br>fil-Menqa ta’ Marsalforn. | Approvata. |
| Applikazzjonijiet għal *meter* tad-dawl temporanju ta’ John Spiteri – Bomblu’s Take Away fil-*parking area* tal-*promenade* tal-Qbajjar – Sajf 2010. | * |

* Is-Sindku qal meta kien hemm trakk armat ibiegħ it-*take away* fil-*parking* tal-*promenade* tal-Qbajjar kellu diversi lmenti mir-residenti.
Il-Kunsillier Camilleri u Refalo qalu li ladarba tajna lill-ħaddieħor avolja kien hemm l-ilmenti lil dan ma nistgħux ma ntuhx.

Is-Sindku ressaq l-applikazzjonijiet ta’ Spiteri għall-vot.

Il-Kunsillier Refalo rtira mill-Kamra tal-laqgħat għal din il-votazzjoni.

Favur – is-Sindku, id-Deputat Sindku u l-Kunsillier Camilleri.

Kontra – Ħadd.

L-applikazzjonijiet kienu approvata.

Soċjeta` Filarmonika Leone	Approvata.
Biex itellgħu programm mużikali
nhar l-20 ta' Lulju 2010
fil-Menqa ta' Marsalforn.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-Ċedola tal-pagamenti – DOK A kienet approvata.

**Dawn il-pagamenti kienu approvati:**

Tiswija ta' bandla fil-*promenade* tal-Qbajjar – ktajjen misruqa
(John Zammit) €60.00
Bdil tal-parti ta' fuq tal-istruttura tal-bandli fil-*promenade* tal-Qbajjar
(John Zammit) €70.00
Il-Kunsill approva l-bdil tal-parti ta' fuq ta' l-istruttura tal-bandli tal-*promenade* tal-Qbajjar (tat-tnejn l-oħra).
Tindif u żamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar –
Mejju 2010 (John Zammit) €262.46
Qlugħ ta' żewġ gradi maġenb il-funtana tal-*promenade* tal-Qbajjar biex ikun stabbilit ix-xogħol li hemm bżonn isir fuq il-funtana
(John Zammit) €35.00
Xog]lijiet ta' \ebg]a fil-*promenade* tal-Qbajjar u l-*playing field* ta\-|ebbu[
(John Zammit) €2,562.55
Tindif u żamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar –
Ġunju 2010 (John Zammit) €138.62
Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ – Mejju 2010
(Nancy Cefai) €143.84
Ġbir ta' *bulky refuse* u tindif u żamma tal-latrini ta' Marsalforn –
April – Mejju 2010 (Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika) €1,272.97
Ġbir ta' l-iskart domestiku u tbattil u tindif ta' l-i*skips* –
Mejju 2010 (Louis Attard) €4,035.39
*Contracts Manager fee* – April 2010
(Fortunato Mifsud) €44.72
3 xkejjer siment għal xogħol ta' konkos li sar fi Triq il-Wied
(Joseph Caruana Co Ltd) €18.75
Kurduna u ramel għal bankini fi Triq il-Port u Triq Sta Marija
(JCR Ltd) €40.12
Xkora siment għal bankina li saret fi Triq il-Munġbell
(Joseph Caruana Co Ltd) €6.25
*Bricks* u siment għal xogħol li sar fi Triq il-Qolla l-Bajda
(JCR Ltd) €105.61
Il-Kunsillier Refalo staqsa l-bankina li saret fi Triq il-Qolla l-Bajda kienetx approvata mill-Kunsill?
Is-Sindku wieġeb it-triq kienet approvata li titbaxxa u allura x-xogħol tal-bankina kien awtomatikament approvat; is-sid ma setgħax jidħol fil-proprjeta' tiegħu.

| | |
|---|---|
| Żebgħa (Dominic Department Stores) | €54.48 |
| Kiri ta' kumpressur, JCB, *open skip* u krejn għal xogħlijiet li saru mill-ħaddiema tal-*beaches* u tal-IPSL f' Marsalforn (Peter Paul Said) | €1,993.05 |
| Servizz ta' kurrier (Gozo Express Services) | €35.11 |
| Servizzi ta' librara – Ġunju 2010 (Joanne Grima) | €46.64 |
| *Contract Manager fee* – Ġunju 2010 (Galea Curmi Engineering Consultants) | €95.93 |
| Tindif ta' l-uffiċini tal-Kunsill – Ġunju 2010 (Salvina Bajada) | €32.62 |
| Partecipazzjoni fl-attivita' ta' Ilwien ir-Rebbiegħa 2010 (Gozo Line Dancers) | €70.00 |
| *Allowance* dovut lis-Sindku Carmelo Saliba – Ġunju 2010 | €480.00 |
| *Allowance* dovut lid-Deputat Sindku Joe Bajada – Ġunju 2010 | €480.00 |
| *Allowance* dovut lill-Kunsillier Joe Camilleri – Ġunju 2010 | €480.00 |
| *Allowance* dovut lill-Kunsillier Harry Debono – Ġunju 2010 | €480.00 |
| *Allowance* dovut lill-Kunsillier Victor Refalo – Ġunju 2010 | €480.00 |
| Ħlasijiet dovuta lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni – *allowances* lill-Kunsilliera Ġunju 2010 | €600.00 |
| Ħlasijiet dovuta għal rimi ta' skart fil-miżbla – Mejju 2010 (WasteServ Malta Ltd) | €880.27 |
| Ġarr tan-nar tal-art mill-Imqabba għal Ilwien ir-Rebbiegħa 2010 (Nicky Saliba) | €808.00 |
| Partecipazzjoni fl-attivita' tal-karnival 2010 (Gozo Friends Line Dancers) | €120.00 |
| Xogħol ta' konkos fi Triq Wied l-Infern (Nicky Saliba) | €934.56 |
| Nar tal-art – Ilwien ir-Rebbiegħa 2010 (Nicky Saliba) | €1,180.00 |
| Nar tal-art – Ilwien ir-Rebbiegħa 2010 (Virtu Fireworks) | €590.00 |

## 6. IR-RAPPORT AMMINISTRATTIV GĦAS-SENA 2009

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra r-Rapport Amministrattiv għas-sena 2009, li jkopri x-xhur minn April sa Diċembru 2009. Peress li r-Rapport kien ċirkulat minn qabel, dan ġie meħud bħala moqri.

Il-Kunsill approva dan ir-Rapport.

## 7. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI U KWOTAZZJONIJIET

### PROVVISTA TA' KONKOS

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit dwar l-offerti mitfugħa għall-Kuntratt tal-provvista ta' konkos.

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' Gatt Tarmac Ltd li kienet l-irħas offerta.

**KOSTRUZZJONI TA' BANKINI**

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit dwar l-offerti mitfugħa għall-Kuntratt tal-kostruzzjoni ta' bankini.

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' Nicky Saliba li kienet l-irħas offerta.

**PROVVISTA U INSTALLAZZJONI TA' APPARAT TAL-*PLAYING FIELD***

Kien maqbul li l-kwotazzjonijiet sottomessa għall-provvista u installazzjoni ta' apparat tal-*playing field* ikunu diskussa f' laqgħa li kellha ssir il-ġimgħa ta' wara.

**KIRI TA' SISTEMA TA' DWAL, *SOUND* U *SCREEN* GĦAL GĦERUQNA**

Il-kwotazzjonijiet mitfugħa ġew diskussa taħt l-*item* il-Musical 'Għeruqna'.

## 8. IL-FUNTANA TAL-*PROMENADE* TAL-QBAJJAR

Il-Kunsill approva l-manutenzjoni tal-funtana tal-*promenade* tal-Qbajjar.

Il-Kunsill qabel li Richard Cauchi jieħu ħsieb ix-xogħol ta' dwal li hemm bżonn isir.

Il-Kunsill approva:

- stima ta' Dolphin Pools għal xiri ta' pompa, *lighting fittings* u kimika – spiża ta' €977.21;
- stima għal xogħol ta' tikħil (il-materjal mhux parti mill-istima) ta' Anglu Cini €1,164.75;
- spiża ta' €584 f' materjal għax-xogħol ta' tikħil.

## 9. IL-MUSICAL 'GĦERUQNA'

Is-Sindku qal biex il-Musical 'Għeruqna' jittella' fiż-Żebbuġ ser ikun hemm dawn l-ispejjeż:

- il-*fee* tad-Direttur
- il-kantanti Georgina u J' Anvil li huma l-atturi prinċipali
- is-sistema ta' dwal, is-*sound* u l-i*screen* għall-*main performance*
- PA System għar-*rehearsals*
- *lodgings.*

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat il-kwotazzjonijiet sottomessa ta' Power Sound u Pro Stage Sound (l-uniku żewġ kwotazzjonijiet mitfugħa) għas-sistema ta' dwal, is-*sound* u l-i*screen*. Qrat ukoll ir-rapport tad-Direttur Ray Mangion dwar iż-żewġ kwotazzjonijiet mitfugħa.

Kien maqbul li qabel tittieħed id-deċiżjoni jekk il-Musical isirx jew le, tkun magħrufa l-ispiża totali.

## 10. FESTA SANTA MARIJA 2010

Il-Kunsill qabel li l-gabbani tal-festa jintramaw bħas-sena l-oħra u l-ġodda fi Triq il-Knisja.

Deċiżjoni dwar jekk it-tiġrijiet taż-żwiemel isirux, tittieħed f' seduta oħra.

## 11. SPETTAKLU TA' TALENT LOKALI F' MARSALFORN

Suġġett għad-diskussjoni f' seduta oħra.

## 12. ĠEMELLAĠĠ MAL-COMUNE DI TAVERNELLA VAL DI PESA

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li jinsab f' kuntatt ma' Signora Marina Baretta. Qal Tavernella Val Di Pesa jinsab il-fuq minn Ruma u l' isfel minn Milan. Is-Sindku qal huma interessati jagħmlu ġemellaġġ mal-Kunsill tagħna; interessati f' ġemellaġġ Kulturali u Sportiv. Qal jinsabu interessati wkoll li jibgħatu residenti jitgħallmu l-Ingliż u r-residenti tagħna jmorru jitgħallmu l-lingwa Taljana.

Is-Sindku qal nistgħu nġibu finanzjament mill-Unjoni Ewropea.

Il-Kunsilliera preżenti qablu li jinbdew id-diskussjonijiet.

## 13. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill approva:

- l-bdil ta' *parts* ta' lampa mwaħħla mar-residenza 'Marlee' fi Triq ix-Xwejni.
- l-qtugħ tal-ħaxix f' toroq fil-limiti ta' Wied l-Infern (ilment 28/2010).
- x-xiri ta' 20 folja *marine plywood* u 100 seratizz għall-passaġġ tal-injam għall-persuni b' diżabilita` li ġie approvat li jsir fuq il-Bajja ta' Marsalforn. Il-materjal ser jinxtara mingħand Joseph Caruana Co Ltd.
- x-xogħol biex isir il-passaġġ tal-injam u t-twaħħil tiegħu, stima ta' €1,150 u €685 rispettivament – jagħmel ix-xogħol Mario Vella.
- li jsir bieb ġdid għall-berġa, stima ta' €970 – jagħmel ix-xogħol Paul Zammit.
- x-xiri ta' *printer* u żewġ *monitors* għall-uffiċini.

Dwar ilment 26/2010 ta' Josianne Pace fejn talbet biex fi Triq il-Qbajjar isiru *parkings* riservati għar-residenti permanenti, is-Sindku qal dan is-suġġeriment jista' jkun diskuss mill-Kumitat Amministrattiv.

Il-Kunsillier Refalo għarraf lill-Kamra bid-diversi lmenti li rċieva dwar:

- li ż-żurżieqa tal-*playing field* taż-Żebbuġ hi perikoluża.
- s-servizz tal-pulizija f' Marsalforn.
- t-tabelli tat-traffiku li twaħħlu fi Triq il-Port kantuniera ma' Triq l-Isqof Pace – għandha tintbagħat ittra lil Transport Malta.
- *street hawkers* li qed jarmaw fit-toroq ta' Marsalforn – għandha tintbagħat ittra lis-Supritendent tal-Pulizija.
- il-kisi ta' Triq Għajn Mhelhel mhux fl-abitat.

Il-Kunsill qabel li jagħmel sejħa pubblika għall-offerti għall-Kuntratt tat-tindif u ż-żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ.

## 14. AĠĠORNAMENT

Il-Kunsill Lokali aġġorna fit-7.45 ta' filgħaxija għal nhar it-Tlieta 20 ta' Lulju 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Carmelo Saliba CLJ MMLJ** | **Diane Tagliaferro** |
| ***Sindku*** | ***Segretarja Eżekuttiva*** |

**Dok. A**

**Seduta Nru. 52/10**

**<u>Ċedola tal-Pagamenti</u>**

| | |
|---|---|
| Konsum u kera tal-linji tat-telefon<br>(GO) | €239.38 |
| *Fuel* - diversi vjaġġi fuq xogħol tal-Kunsill<br>(Carmel Camilleri) | €25.00 |
| *Parts* u tiswija tal-*grass cutter*<br>(Ronnie Mizzi) | €45.50 |
| Żebgħa<br>(Dominic Department Stores Ltd) | €54.48 |
| Siment għal xogħlijiet li saru fi Triq il-Wied<br>(Dominic Department Stores Ltd) | €13.60 |
| Griż<br>(Dominic Department Stores Ltd) | €4.15 |
| Mattonċina u kurduna għall-bankini li saru f' Marsalforn<br>(JCR Ltd) | €410.56 |
| Siment<br>(Joseph Caruana Co Ltd) | €12.50 |
| 2 UPS u tiswija ta' kompjuter<br>(ComputerTech) | €215.00 |
| *Servicing* tal-kompjuters li ntużaw fil-kors<br>(ComputerTech) | €140.00 |
| Spejjeż tal-uffiċċju<br>(Smart Office Supplies Ltd) | €197.53 |
| Servizzi ta' ġarr ta' flus – Mejju 2010<br>(Group 4S Security Services Ltd) | €15.22 |
| Ħlasijiet dovuta għal rimi ta' skart fil-miżbla – April 2010<br>(WasteServ Malta Ltd) | €963.58 |
| Żewġ *banners* għall-attivita' ta' Lejlet Lapsi<br>(Taqsima Kultura, Ministeru għal Għawdex) | €250.00 |
| Servizzi ta' *filming* – attivitajiet 'Ilwien ir-Rebbiegħa' u Jum iż-Żebbuġ 2010<br>(Philip Cassar) | €500.00 |
| *Update* tal-*website* tal-Kunsill<br>(Philip Cassar) | €190.00 |
| Trasport tat-tfal ta' l-iskola primarja – Mejju 2010<br>(Felix Cini) | €84.10 |
| Servizz ta' *minibus* – ħarġa għal Malta 07/06/2010<br>(Felix Cini) | €36.00 |

*Judge* – kompetizzjonijiet tal-Karnival 2010
(Joe Zammit) €50.00
Accountancy *services*
(Johanna Caruana) €350.00
Tabella tat-traffiku
(Refalo Signs) €105.02
*Grass cutter* u *chainsaw*
(Ronnie Mizzi) €720.00
4 bankijiet għall-*promenade* ta' Marsalforn
(Paul Caruana) €1,164.00
Kiri ta' *jag hammer* u *sander* – xogħol fil-berġa
(Francis Saliba) €320.00
Kafe` u pastizzi – żjara fiż-Żebbuġ minn grupp ta' nies mill-Imqabba
(Francis Saliba) €100.00

24 ta' Ġunju 2010